**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 26 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 346/02 AE**

**Media Link Communications Limited**

**Vs**

**Bianchi Mobili Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm214.98), prezz ta' reklamar.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata naqset milli tikkontesta l-kawza u milli tidher ghas-seduti tat-22 ta' Marzu 2002 u tal-lum.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm214.98), bl-imghax b'sehh minn sittin gurnata wara d-data ta' kull invoice.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**